SAN GILJAN

# KUMITAT AMMINISTRATTIV PACEVILLE

**Triq Forrest, San Giljan, STJ 2033**
Tel: 21373111 Fax: 21373444
**email:** sangiljan.lc@gov.mt

Rif Minuti 07/KA1/11

**L-Ewwel Laqgħa Pubblika tal-Kumitat Amministrattiv Paceville.**

**Nru tal-laqgħat minn 12/07/'10 – 10/01/'11 7**

**Nru ta' seduti minn 12/07/'10 – 10/01/'11 8**

## 1. Introduzzjoni

1.01 Il-Kumitat Amministrattiv Paceville żamm l-ewwel Laqgħa Pubblika skond kif jipprovdi l-Att dwar il-Kunsilli Lokali, nhar it-Tnejn 10 ta' Jannar 2011

1.02 Il-Laqgħa saret fis-Sala WOW tal-Millenium Chapel fil-5:30 p.m.

1.03 Preżenti:
Iċ-Chairperson Richard Scicluna
Il-Viċi-Chairperson Joe De' Conti Manduca
Il-Membru Joseph Oliva
Il-Membru Karl Consiglio.

Is-Sindku Peter Bonello
Is-Segretarju Eżekuttiv Helen Walker
L-iskrivana Marilyn Cassar
L-iskrivana Josianne Magri.

1.04 Skużat: Il-Membru Carmel Agius.

1.05 Preżenza tal-Pubbliku:- Erbgħin persuna (40).

1.06 Iċ-Chairman ippresieda l-laqgħa u beda billi ta merħba lir-residenti li kienu preżenti u nfurmahom li l-laqgħa kienet qed tinżamm skond Artiklu 47A (8) ta' Att dwar il-Kunsilli Lokali.

1.07 Iċ-Chairman qara r-rapport tax-xogħolijiet fuq l-andament tal-Kumitat Amministrattiv matul is-sena li għaddiet 2010 kif ukoll il-pjan għas-sena li gejja 2011 (Budget/Business Plan).

**2. Suġġerimenti / Ilmenti**

2.01 Wara li nqara r-rapport tressqu dawn is-suġġerimenti / ilmenti:-

- Ġie ssuġġerit li l-*parking* f'Paceville isir b'tali mod li r-residenti jkollhom aktar fejn jipparkjaw.;
- Isiru pelikan lights fi Triq Ross quddiem il-hanut Shop Till Late, hdejn ż-żebra *crossing*;
- Tinzebaħ ż-żebra *crossing* fi Triq il-Knisja ħdejn il-Lulu Restaurant;
- Hemm xi dawl fi Triq il-Knisja li mhux qed jixgħel;
- Jerggħu jitpoġġew il-*bollards* fi Triq Dobbie;
- Jiġi rranġat il-*Bus Shelter* li hemm fi Triq San Ġorġ quddiem il-Wembley Garage;
- Jitressqu ż-żebra *crossings* li hemm f Triq San Ġorg u Triq Ross minħabba li huma perikolużi;
- Terġa' titpoġġa t-tabella tal-*one way* fi Triq Gort;
- Issir aktar sorveljanza mill-pulizija speċjalment fil-*weekends*;

3. Iċ-Chairman irringrazzja lill-pubbliku preżenti u temm il-laqgħa fis-6:45 p.m.

**Richard Scicluna**
**Chairperson**

**Helen Walker**
**Segretarju Eżekuttiv**